32006D0579

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-24 ta' Awwissu 2006

rigward il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għall-qerda tal-madra ta' Newcastle d-Danimarka fl-2005

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 3805)

(It-test bid-Daniż biss huwa awtentiku)

(2006/579/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar ċerti spejjeż fil-qasam veterinarju [1], u, b'mod partikolari, l-Artikolu 3 u l-Artikolu 4 tagħha,

Billi:

(1) Sabiex tikkontribwixxi għall-qerda tal-marda ta' Newcastle fl-iqsar żmien, il-Komunità għandha l-possibbiltà li tikkontribwixxi finanzjarjament għall-ispejjeż eliġibbli mġarrba mill-Istat Membri, fil-kondizzjonijiet stipulati mill-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni 90/424/KEE.

(2) Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità fil-qafas tal-miżuri ta' urġenza tal-ġlieda kontra l-marda ta' Newcastle hi suġġetta għar-regoli ffissati mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 349/2005 tat-28 ta' Frar 2005 [2] li jistabbilixxi r-regoli li għandhom x'jaqsmu mal-finazjament Komunitarju ta' l-intervenzjonijiet ta' urġenza u tal-ġlieda kontra ċertu mard ta' l-annimali msemmija fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE.

(3) Ċentri għall-marda ta' Newcastle feġġew fid-Danimarka fl-2005. Il-feġġ ta' din il-marda jista' jirrappreżenta periklu serju għall-popolazzjoni tal-bhejjem tal-Komunità.

(4) Fl-24 ta' April 2006, id-Danimarka ppreżentat l-aħħar stima approssimativa ta' l-infiq li ġġarrbu minħabba l-qerda tal-marda.

(5) L-awtoritajiet Daniżi ssodisfaw bis-sħiħ l-obbligi tekniċi u amministrattivi tagħhom stipulati fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 90/424/KEE u l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 349/2005.

(6) Il-ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandu jkun suġġett għall-kundizzjoni li l-azzjonijiet ippjanati fil-fatt twettqu u li l-awtoritajiet jipprovdu l-informazzjoni kollha meħtieġa fiż-żmien stipulat.

(7) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali.

ADOTTAT DIN ID-DECIZJONI:

L-ewwel Artikolu

Għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità lid-Danimarka

1. Id-Danimarka tista' tikseb kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għall-ispejjeż li ġġarrbu fil-qafas tal-miżuri ta' urġenza fil-ġlieda kontra l-madra ta' Newcastle fl-2005.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità tirrapreżenta 50 % ta' l-ispejjeż eliġibbli għall-finanzjament Komunitarju. Dawn jitħallsu bil-kondizzjonijiet stipulati fir-Regolament (KE) Nru 349/2005.

[1] ĠU L 224, 18.8.1990, p. 19. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/53/KE (ĠU L 29, 2.2.2006, p. 37).

[2] ĠU L 55, 1.3.2005, p. 12.

Artikolu 2

Id-Destinatarju

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tad-Danimarka.

Magħmul fi Brussell, nhar l-24 ta' Awwissu 2006.

Għall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Membru tal-Kummissjoni